# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 27 ta' Ottubru 2023**

**Avviż numru: 3/2020 BS**

**Andrew Christopher Clark**

**-vs-**

**John Vella u Carmen Vella**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat l-avviż**[1] li bih Andrew Christopher Clark talab lill-intimati John Vella u Carmen Vella jgħidu l-ghaliex m'ghandhomx:

Jirritornaw l-oggetti personali, cioe' mobbli, propjeta' tal-attur li kienu jinsabu fil-garaxx propjeta' taghkom fi Triq it-8 ta' Dicembru, Rabat, Ghawdex, liema oggetti gew immisappropjati minnkom mingħajr ebda raguni valida fil-Ligi, liema oggetti ghandhom valur li ma jesorbitax il-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti, u fin-nuqqas sabiex intom tigu kkundannati thallsu lill-esponenti l-valur tal-istess oggetti mehuda minnkom u li huma propjeta' tal-istess esponenti.

[1] Avviz a fol 1 bi traduzzjoni tal-istess fil-lingwa Ngliza a fol 2.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra Ufficcjali Numru 701/2019 hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A, tal-Mandat ta' Deskrizzjoni Nru. 133/2019 (PC), u bl-imghaxijiet skond il-Ligi kontra taghkom kif minn issa intom ingunti in subbizzjoni.

**Rat ir-risposta tal-konvenuti John Vella u Carmen sive Carrie Vella[2] li permezz tagħha eċċepew:**

1. Illi assolutament mhux minnu illi l-eccipjenti wettqu xi mizapproprjazzjoni. Fil-verita, il-garaxx li jissemma fl-Avviz odjern kien mikri lil certa Matthew Jarratt illi - dejjem sa fejn jafu l-eccipjenti - harab minn Malta hesrem u halla xi affarijiet warajh fl-istess garaxx. Sa fejn jafu l-eccipjenti wkoll, dawn l-affarijiet thallew minn Jarratt huma proprjeta tieghu stess stante illi wara kollox dawn kienu fil-pussess tieghu. Isegwi necessarjament illi l-eccipjenti kienu fl-impossibilita fizika illi jirrilaxxjaw oggetti li setghu thallew mill-imsemmi Matthew Jarratt fil-garaxx in kwestjoni minghajr l-awtorizazzjoni tal-istess Jarratt jew tal-Onorabbli Qorti, u li kieku għamlu kif kien qed jippretendi l-attur allura huma kienu jesponu lilhom infushom ghal kawza ghal danni da parti tal-istess Matthew Jarratt. Ghandu jsegwi illi l-eccipjenti ma ghandhom ibatu l-ebda spejjez konnessi ma' din il-kawza kif mitlub - ad *impossibilia nemo tenetur*;

2. Illi b'dan premess, l-eccipjenti ma jsibu l-ebda diffikulta illi jirrilaxxjaw oggetti illi l-imsemmi Matthew Jarratt halla warajh, purche jigi pruvat kumulattivament u fit-termini tal-ligi illi dawn l-oggetti tassew thallew fil-garaxx in kwestjoni, illi dawn l-oggetti tassew ittiehdu fil-kontroll tal-eccipjenti wara li Matthew Jarratt harab minn Malta u illi dawn l-oggetti huma tassew proprjeta tal-attur; u purche jkun hemm sentenza li tordna lill-eccipjenti jaghmlu dan b'tali mod illi huma ma jkunux esposti ghal proceduri ghal danni da parti tal-imsemmi Matthew Jarratt kif fuq spjegat;

[2] Risposta a fol 10.

3. Illi in ogni kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici hija altrimenti infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda, anke ghaliex ma hemmx lok illi l-eccipjenti jigu kkundannti jhallsu l-valur tal-oggetti illi l-attur qed jghid illi thallew fil-fond lokatizju;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

**Fliet l-atti.**

**Rat** in-nota tal-konvenuti tat-2 ta' Settembru, 2020 li biha nformaw lill-Qorti li oltre l-oggetti mobbli li jirrizultaw mill-atti tal-mandat ta' deskrizzjoni numru 133/2019 PC, fil-garaxx in kwistjoni kienu nstabu wkoll diversi oggetti li jelenkaw fin-nota stess.[3]

**Rat** li fl-udjenza tat-2 ta' Settembru, 2020 il-partijiet qablu sabiex jigu allegati l-atti tal-mandat ta' deskrizzjoni numru 133/2019 PC mal-atti tal-kawza odjerna.[4]

**Rat** in-nota tal-attur tad-9 ta' Novembru, 2021[5] li biha l-attur ipprezenta kopja tal-ittra ufficjali numru 725/2019 tat-3 ta' Dicembru, 2019 intavolata mill-konvenuti fil-konfront tieghu b'risposta ghall-ittra ufficjali precedenti tieghu tad-19 ta' Novembru, 2019,[6] kopja ta' email datata t-22 ta' Ottubru, 2019 u mibghuta mid-difensur legali tieghu lill dak tal-konvenuti,[7] u kopja ta' email datata s-6 ta' Jannar, 2020.[8]

**Rat** li b'nota tal-4 ta' Frar, 2022 l-attur iddikjara l-istadju tal-provi tieghu maghluq.[9]

**Rat** il-kuntratt ta' lokazzjoni ffirmat mill-konvenut John Vella u t-terz Matthew Jarratt nhar is-16 ta' April, 2018 relattivament ghal-garaxx fil-blokka maghrufa bl-isem *"Pompei Court"*, fi Triq Anton Tabone, ir-Rabat, Ghawdex.[10]

---

[3] Nota a fol 37.
[4] Verbal a fol 48.
[5] Nota a fol 92.
[6] Ittra ufficjali numru 725/2019 a fol 93.
[7] Email a fol 95.
[8] Email a fol 97.
[9] Nota a fol 103.
[10] Ezebit permezz ta' nota tal-konvenuti tal-15 ta' Marzu, 2022 – nota a fol 109 u kuntratt a fol 113 sa 114.

**Rat** li fl-udjenza tal-10 ta' Mejju, 2022 il-konvenuti ddikjaraw l-istadju tal-provi taghhom maghluq.[11]

**Rat** li fl-udjenza tal-31 ta' Mejju, 2023 il-kawza giet iddefferita ghat-trattazzjoni finali.[12]

**Rat** it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni finali tal-abbli difensuri tal-partijiet.[13]

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza**, inkluz id-dokumenti ezebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Rat** l-atti tal-mandat ta' deskrizzjoni numru 133/2019 PC, inkluz il-lista ta' oggetti misjuba fil-garaxx lokat fi Triq it-8 ta' Dicembru, ir-Rabat, Ghawdex wara access li sehh nhar il-25 ta' Ottubru, 2019 ghall-ezekuzzjoni tal-istess mandat mill-purtier tal-Qorti P. Debrincat.[14]

**Rat** li l-kawza giet iddefferita ghal-lum gahs-sentenza.[15]

## B. Provi:

**Semghat ix-xhieda bil-gurament u rat dik maghmulha bil-procedura tal-affidavit, ta':**

**Andras Arato**, xehed permezz ta' affidavit miktub bl-Ingliz.[16] Jiddikjara li fit-2 ta' Marzu, 2019 huwa ghen lill-attur u lill Matthew Jarratt ta' *MDJ Projects* sabiex jiehdu xi oggetti appartenenti lill-attur f'garaxx mikri minn Matthew Jarratt li jinsab fi Triq it-8 ta' Dicembru, ir-Rabat, Ghawdex sottopost ghall-blokka ta' appartamenti *"Pompei Court"*.

Izid li l-oggetti kienu tlett kaxxi kbar tal-kartun u numru ta' kaxxi tal-palstik kif ukoll mejda bis-siggijiet.

[11] Verbal a fol 116.
[12] Verbal a fol 146 u 147.
[13] Traskrizzjoni a fol 148 sa 152.
[14] Process numru 133/2019 PC. Lista miktuba bil-pinna fl-atti tal-istess mhux paginata.
[15] Verbal a fol 153.
[16] Affidavit a fol 12.

**Jessica Rose Jarratt** xehdet permezz ta' affidavit miktub bl-Ingliz.[17] Tiddikjara li missierha Matthew Jarratt kien jezercita l-kummerc f'Ghawdex bl-isem *MDJ Projects*.

Izzid li f'Awwissu 2019 missierha u martu telqu minn Ghawdex hesrem b'dan li hija m'ghandha ebda kuntatt maghhom.

Tghid li missierha kien jikri garaxx taht l-appartament fejn kien jghix. Izzid li fih kien izomm ghodda u oggetti personali kif ukoll proprjeta' ta' terzi bhall-attur. Tghid li fl-istess kien hemm oggetti taghha u tas-sieheb taghha Ben Jones u ghalhekk hija kellha cavetta ghal-garaxx. Izzid li ma' kienitx taf min kien sid il-garaxx.

Tghid li wara li missierha telaq minn Ghawdex hija kelmet lill-attur u qaltlu li l-oggetti tieghu konsistenti fi tlett kaxxi tal-kartun kbar, mejda bis-siggijiet, u diversi kaxxi tal-plastik kien ghadhom fil-garaxx. Tghid li huma qablu ma' l-attur sabiex hwejgu jittiehdu ghandu l-Qala.

Tiddikjara li fis-7 u t-8 ta' Settembru marru fil-garaxx u raw li kollox kien ghadu hemm. Izzid li qabel hargu l-oggetti tal-attur, u fit-13 ta' Settembru, sabu li xi hadd kien bidel is-serratura tal-bieb tal-garaxx.

Tghid li hawnhekk kelmet lill certa Grace Cauchi li toqod f'appartament fuq l-istess garaxx u din qaltilha li kien sid il-garaxx li bidel is-serratura tal-bieb ghall-istess. Izzid li Cauchi, fuq talba tas-sid, kienet ukoll hadet ritratti tal-kontenut tal-garaxx.

Izzid li Cauchi qaltilha wkoll li sid il-garaxx harrek l-oggetti li kienu mahzuna fl-istess garaxx. Tghid li Cauchi rrifjutat li tghidilha min hu sid il-garaxx.

**In kontro-ezami**,[18] xehdet li missierha Matthew Jarratt kien diga jghix Malta meta giet tghix Malta hi. Tghid li missierha ghamel hames snin Malta u hi sentejn. Izzid li flimkien ghamlu biss sena b'dan li hi damet sena ohra wara li huwa telaq.

[17] Affidavit a fol 17.
[18] Kontro-ezami bil-lingwa Ngliza. Traduzzjoni ta' din il-Qorti. Traskrizzjoni a fol 143 sa 145.

Taqbel li missierha telaq minn Malta kagun ta′ diversi djun li kellu. Izzid li missierha f′Ghawdex kien jahdem fl-edilizja.

Ma′ taqbilx li hija ma′ kelliex cavetta tal-garaxx in mertu. Izzid izda li meta marru sabiex jiehdu l-affarijiet tal-attur sabu s-serratura mibdula. Tghid li din kien bidilha sid il-garaxx.

Tghid li ma′ l-attur huma kellhom kuntatt bl-email sa mindu missierha kien ghadu Ghawdex. Izzid li meta missierha telaq minn Ghawdex kien l-attur li ghamel kuntatt maghha u ma′ l-gharus taghha Ben Jones kemm bl-email kif ukoll bit-telefon.

Tghid li hija qatt m′utilizzat il-garaxx in mertu. Izzid li anqas biss kienet taf li l-istess garaxx kien ghand missierha.

Tghid li hija accediet l-ewwel darba fil-garaxx in mertu meta missierha telaq minn Ghawdex. Tghid li meta ndunaw li missierha telaq minn Ghawdex u saru jafu li kellu dan il-garaxx huma marru bic-cwievet li kellhom izda ma′ rnexxilhomx jifthu l-garaxx ghax is-serratura kienet inbidlet. Tghid li huma marru fil-garaxx biss ghaliex l-attur qalilha li kellu xi oggetti tieghu fih.

Tghid li hija dawn l-oggetti ma′ rathomx u ma′ ghandix ideja x′kien hemm fil-garaxx.

Tghid li huma mbaghad kellmu lis-sid ta′ l-appartament li kien jikri missierha u dan qalilha li anke mill-appartament kienu naqsu xi oggetti. Tghid li f′dak il-punt hi la kellha access ghal-garaxx u anqas ghall-appartament.

Tghid li sid il-garaxx u sid l-appartament huma differenti.

Izzid li hi kellha cavetta izda meta marret tipprova taccedi fil-garaxx is-serratura kienet diga giet mibdula. Izzid li ma′ tafx min aktar kellu cavetta.

**Andrew Christopher Clark**, l-attur, xehed permezz ta' affidavit.[19] Jiddikjara li fl-ahhar tal-2018 kellem lill Matthew Jarratt ezercjenti l-kummerc bl-isem *MDJ Projects* sabiex jaghmillu xi xoghol ta' bini.

Jiddikjara li fit-2 ta' Marzu, 2019 huwa, Jarratt u impjegat ta' Jarratt, Andras Arato, hadu xi oggetti tieghu mid-dar fejn kellu jsir ix-xoghol ghal-hazna f'garaxx li kien mikri minn Jarratt. Izid li dawn kellhom jibqghu mahzuna hemm sakemm jigi terminat ix-xoghol tal-bini.

Jghid li l-garaxx jinsab fi Triq it-8 ta' Dicembru, ir-Rabat, Ghawdex u huwa sottopost ghal-blokka ta' appartamenti bl-isem *"Pompei Court"*.

Jghid li fit-18 ta' Awwissu, 2019 Jarratt sparixxa u ma' rnexxilhomx jikkomunikaw mieghu aktar.

Jghid li eventwalment, bint Jarratt, Jessica, ikkomunikat mieghu u qaltlu li missierha telaq minn Malta. Izid li Jessica u s-sieheb taghha Ben Jones assigurawh li kellhom ic-cwievet ghal-garaxx u li l-oggetti tieghu kien ghadhom fih. Jghid li huwa talab li l-oggetti tieghu jittiehdu fid-dar tieghu fil-Qala mill-aktar fis.

Jiddikjara li fil-15 ta' Settembru Jessica nfurmatu li fit-13 ta' Settembru kienet sabet li xi hadd bidel is-serratura tal-bieb tal-garaxx b'dan li hi u Ben Jones ma' kienx fadlilhom access ghalih. Izid li Jessica qaltlu wkoll b'dak li saret taf minghand Grace Cauchi.

Jghid li Jessica ma' setghetx tghid jekk l-oggetti tieghu kienux ittiehdu mil-garaxx izda qaltlu li meta dahlu fil-garaxx bejn is-7 u t-8 ta' Settembru l-oggetti tieghu kien ghadhom hemm.

Izid li ghamel rapport mal-pulizija u anke ttenta jsir jaf min hu sid il-garaxx. Jghid li eventwalment sab li s-sid kien il-konvenut Vella u ghalhekk tramite l-avukat tieghu ghamel talba formali ghar-ritorn ta' hwejgu. Jghid li anke offra li jhallas kwalunkwe' kera li setgha kien ghadha dovuta minn Jarratt. Izid li minkejja dan Vella ma' irritornax dak li huwa tieghu.

---

[19] Affidavit a fol 20 u 21 b'dokumenti mieghu a fol 22 sa 32.

Jezebixxi lista ta' oggetti li kienu mahzuna fil-garaxx flimkien ma' dokumenti relatati ghax-xiri u jew l-importazzjoni taghhom.[20]

Jghid li l-maggoranza tal-oggetti kienu mizmuma fi tlett kaxxi tal-kartun kbar li fuqhom jidher ismu kif ukoll isem is-socjeta' *Gosselin* u ghaxar kaxxi tal-plastik li kienu ssigillati bil-*clingfilm*. Izid li *printer* tad-ditta *HP Deskjet* u *vacuum cleaner* tad-ditta *dirt devil* mixtrija minghand il-*Lidl* kienu fil-kaxxi originali taghhom.

Jghid li kien hemm ukoll oggetti tal-kmamar tal-banju, oggetti mixtrija minghand *Ikea* mizmuma fil-kaxxi originali taghhom b'ismu u l-indirizz tieghu fuqhom, kif ukoll mejda tal-ikel tal-injam b'erba' siggijiet, zewg *cupboards* tal-kamra tal-banju mixtrija minghand il-*Lidl*, u numru ta' basktijiet tax-xiri b'fihom affarijiet tal-ikel.

Jghid li jaf li Jarratt kien jghix fl-appartament fil-blokka fejn jinsab l-istess garaxx u li l-garaxx ghandu bieb iswed u qieghed magenb hanut u quddiem iehor jismu *Makita Tools*.

**B'affidavit addizzjonali**,[21] iddikjara li fuq direzzjoni moghtija mill-Qorti fl-udjenza tat-2 ta' Settembru, 2020, huwa ltaqgha mad-difensur legali tal-konvenuti fil-garaxx in mertu fejn identifika bhala tieghu diversi oggetti.

Jiddikjara li mhux kull ma' elenkaw l-konvenuti fin-nota taghhom maghmulha lill-Qorti kien prezenti fil-garaxx mentri oggetti ohra kien hemm parti minnhom – bhas-siggijiet li kien hemm biss tnejn minn erbgha.

Jelenka x'sab fil-garaxx li huwa tieghu u x'kien hemm nieqes. Jidentifika wkoll x'ra li m'huwiex taghhom.

Jezebixxi sensiela ta' ritratti li juru x'sabu fil-garaxx.[22]

[20] Dokumenti a fol 22 sa 32.
[21] Affidavit a fol 58 sa 64.
[22] Ritratti a fol 60 sa 64.

**In kontro-ezami**,[23] xehed li l-ftehim tieghu ma' Jarratt kien sabiex Jarratt izomm l-oggett tieghu waqt li kien qed jaghmillu xi xoghol fid-dar tieghu fil-Qala. Jghid li lill Jarratt kien ilu jafu mill-2018 u dan il-ftehim lahquh f'April, 2019.

Jghid li huwa ma' nkwetax ihalli l-oggetti tieghu ma' Jarratt ghaliex Jarratt kien jghix qrib tieghu mentri l-garaxx fejn thallew l-oggetti kien taht l-appartament ta' Jarratt u allura wkoll qrib tieghu.

Jaqbel li Jarratt ma' produciex inventorju ta' dak li thalla mieghu.

Jghid li huwa gie nfurmati li Jarratt telaq mil-gzejjer Maltin izda ma' jafx ir-raguni ghal dan. Jghid li lilu nfurmatu b'dan bint Jarratt mhux Jarratt inniffsu.

Jghid li huwa ha hwejjgu fil-garaxx ta' Jarratt xi Marzu jew April mentri bint Jarratt infurmatu li Jarratt ma' kienx ghadu Ghawdex f'Awwissu tal-istess sena.

Mistoqsi jekk fil-perijodu bejn Marzu u Awwissu qattx mar lura fil-garaxx jghid li mar darba lejn Gunju sabiex ha uhud mill-oggetti li kien iddepozita hemm. Jghid li kemm Jarratt dam Ghawdex hu kien jarah regolarment ghax l-istess Jarratt kien qed jaghmel xi xoghol fil-proprjeta' tieghu.

Jaqbel li lill-konvenut John Vella ma' kienx jafu qabel inqalghat din il-kwistjoni.

**Grace Pauline Cauchi**, xehdet[24] li hija tghix f'appartament li jigi fuq il-garaxx in kwistjoni. Tghid li lill-konvenut Vella tafu izda lill-attur Clark qatt ma' ltaqghat mieghu. Tghid li l-konvenut Vella ghandu garaxx magenb taghha taht l-appartament li tghix fih, fil-blokka *"Pompei Court"*.

Murija xi ritratt allegat fl-atti tal-mandat ta' deskrizzjoni numru 133/19 PC taghraf fih il-garaxx imsemmi.

[23] Kontro-ezami maghmul bl-Ingliz – traduzzjoni ta' din il-Qorti. Traskrizzjoni a fol 120 sa 125.
[24] Traskrizzjoni a fol 38 sa 44.

Tghid li hija tiehu hsieb l-assocjazzjoni tal-blokka. Izzid li wiehed mill-appartamenti fil-blokka kien mikri minn certu Jarratt li kien ukoll jikri l-garaxx imsemmi.

Tghid li Jarratt harab minn Malta ghax kellu hafna dejn. Izzid li meta saret taf b'dan hija nfurmat lis-sidien ta' l-appartament li kien jikri Jarratt, certi Magrin, kif ukoll lill sid il-garaxx li kien jikri l-istess Jarratt, ossia l-konvenut Vella tramite ibnu Reuben.

Tghid li bint Jarratt u s-sieheb taghha kienu qed jiehdu hsieb kollox huma. Izzid li bint Jarratt u sehibha riedu jidhlu fil-garaxx ghax kellhom xi oggetti stivati fih. Tghid li hija ma' rieditx tidhol fl-affari.

Tghid li meta Magrin gew minn Malta jaraw x'inhu jigri, ghax huma Maltin, qalula li sabu diversi oggetti nieqsa mill-appartament taghhom u xtaqu jkunu jafu jekk dawn kienux fil-garaxx. Izzid li ghalhekk hija tkelmet ma' Vella sabiex tidhol tiehu r-ritratti fil-garaxx halli Magrin ikunu jistghu jaraw jekk hemmx xi oggetti minn taghhom fil-garaxx.

Tghid li ghal dan l-ghan kienu ltaqghu s-Sibt fejn Vella fetah il-garaxx u hi hadet u bghatet xi ritratti lill Magrin.

Tghid li maghha fil-garaxx kien hemm kemm il-konvenut Vella kif ukoll ibnu Reuben. Tghid li l-konvenut Vella kien jghid li ma' kellu x'jambi xejn li mhux tieghu u dak li hu ta' Magrin setghu jehduh.

Tghid li xi jumejn wara rat lill Reuben Vella ibattal il-garaxx ghal go trakk. Izzid li hija ma' kelmitu xejn. Tghid li xi zmien wara Ben, l-gharus tat-tifla ta' Jarratt rid jidhol fil-garaxx.

Tghid li meta gimgha wara gew Magrin il-garaxx sabuh vojt. Tghid li hija ma' dahlitx maghhom izda lilha qalula li kien vojt.

Tipprezenta 4 ritratti li hadet u bghatet lill Magrin.[25]

[25] Ritratti a fol 46 u 47.

Tispjega x'jidher fir-ritratti nkluz kaxxi tal-hazna, *cupboards*, kif ukoll il-konvenut Vella.

Izzid li taf li l-*cupboards* kienu nqalghu mill-appartament numru 5 fl-istess blokka u tpoggew hemm sakemm kien ghaddej ristrutturar fih minn Jarratt stess.

Tghid li jidher ukoll *heater* tal-gas li Magrin qalu li huwa taghhom.

Tghid li kien hemm ukoll xi xkejjer u fuq ir-raff kien hemm diversi kaxxi maghluqin.

**Xehdet ulterjorment**[26] li r-ritratti a fol 46 u 47 hadithom hi izda dawk mehmuza mall-affidavit ulterjuri tal-attur qatt ma' rathom qabel.

Tghid li fir-ritratti ezebiti mill-attur taghraf biss *cupboard* li jindika li hemmhekk l-istess garaxx.

**In kontro-ezami**,[27] xehdet li dak li tgharaf mir-ritratti ezebiti mill-attur huwa biss il-*cupboard* kantuniera li huwa l-istess bhal ma' kien hemm meta hadet ir-ritratti hi. Tghid li minn dan il-*cupboard* tqabbel li hemmhekk huwa l-istess garaxx.

**Reuben Vella**, iben il-konvenuti, xehed[28] li huma ghandhom garaxx li fuqhu nqalghu xi kwistjonijiet. Jghid li l-garaxx huwa ta' missieru, il-konvenut JohnVella u kien krih lill certu Matthew.

Jghid li Matthew harab minn Malta minhabba xi djun li kellu. Izid li wara dan huwa mar jispezzjona l-garaxx.

Jghid li habbat lill bint Matthew u fetah l-gharus taghha. Izid li meta spjegalu minn hu dan qallu li huma ma' kellhom x'jasmu xejn.

Jghid li wara dan huwa fetah il-garaxx fejn sab hafna affarijiet. Isemmi li sab bieb imkisser, laned vojta, bramel taz-zebgha li kienet nixfet u ohrajn

[26] Traskrizzjoni a fol 66 sa 67.
[27] Traskrizzjoni a fol 68.
[28] Traskrizzjoni a fol 80 sa 89.

nofshom mimlijin, xkejjer tas-siment skaduti, u boroz taz-zibel mimlijin skart.

Jghid li fuq raff kien hemm xi kaxxi tal-kartun go xulxin bil-gablo fihom, xi prodotti igjenici, sapun mibdi, u xi erba' flixken tal-*whiskey* miftuhin, magazines u kotba qodma, hwejjeg u drap. Jghid li dawn ramihom kollha.

Izid li kien hemm ukoll printer, ilbies tal-apnea, zewg siggijiet, zewg *cupboards* bojod li jahseb li huma tal-*Lidl* u xi *shoeracks* li kien ghadhom tajbin allura warrabhom. Izid li dawn illum ghadhom fil-garaxx.

Jaghraf l-affarijiet li warrab bhala dawk li jidhru fir-ritratti ezebiti mattieni affidavit tal-attur.

Muri r-ritratt ta' fuq a fol 46 jikkonferma li l-istess juri x'sab fil-garaxx meta fethu hu.

Jghid li l-kaxxi tal-kartun li jidhru a fol 46 kollha battalin kienu. Jghid li dawn kienu diversi kaxxi battalin wahda gol-ohra.

Jghid li lill Grace Cauchi jafha ghax tghix fl-istess blokka fejn hemm il-garaxx. Izid li Grace qaltlu li Magrin li kienu jikru appartament taghhom lill Matthew ridu jaraw jekk kienx hemm xi oggetti li rrizultaw nieqsa fl-appartament taghhom gol-garaxx ta' missieru. Izid li ghalhekk Grace talbitu tidhol fil-garaxx.

Jghid li huwa fetah lill Grace u zmien wara anke lill Magrin stess li riedu jaccertaw b'ghajnejhom. Jghid li Magrin qalulu li l-ghamara taghhom li naqset ma' setghet qatt kienet fil-garaxx ta' missieru ghax zghir u ma' kienitx toqod.

Jghid li Cauchi fuq Magrin kelmitu mhux fuq Clark. Izid li huma lill Matthew kienu jafu mhux lill-attur Andrew Clark.

Mistoqsi x'ghamel bl-oggetti li fir-ritratti jidhru car ippakjati tajjeb anke bil-plastik – *clingfilm* – jghid li ramihom. Izid li l-prodotti ta' igjeni

personali ramihom il-*Wasteserv* xi tlett ijiem wara li sar jaf li Matthew harab.

Jghid li wara xi zmien kien mar Kummissarju tal-Pulizija ma' missieru fil-garaxx sabiex isir elenku ta' dak li kien hemm fil-garaxx. Izid li lilu l-pulizija ma' kellmuhx.

**Xehed ulterjorment permezz ta' affidavit**.[29] Jiddikjara li huwa iben il-konvenuti. Izid li l-genituri tieghu huma s-sidien tal-garaxx fi Triq it-8 ta' Dicembru, ir-Rabat, Ghawdex.

Jghid li snin ilu missieru kera l-istess garaxx lill Matthew Jarratt. Izid li xhur wara li bdiet il-kirja Grace Cauchi sabitu r-Rabat u nfurmatu li Jarratt kien harab minn Malta. Jghid li huwa mar id-dar u nforma lill missieru bl-ahbar.

Jghid li missieru qallu li Jarratt kien xi tlett xhur b'lura fil-hlas tal-kera u li ommu kienet baghtitlu xi zewg messaggi li ma' irrispondix.

Jiddikjara li l-ghada pruvaw jikkomunikaw ma' Jarratt u meta ma' rnexxilhomx marru l-garaxx. Jghid li c-cavetta li kellhom ghal-garaxx dakinhar ma' qablitx b'dan li kien car li Jarratt kien bidel is-serratura. Jghid li kien hemm gar tal-garaxx li raghhom jithabbtu mas-serratura u qalilhom li bint Jarratt kienet tghix fil-vicinanzi.

Jiddikjara li dakinhar stess hu u missieru marru habbtu lill bint Jarratt fejn fetah ragel li ntroduca ruhu bhala l-gharus taghha.

Jghid li l-gharus ta' bint Jarratt ikkonfermalhom li Jarratt kien harab minhabba xi dejn u li hadd ma' jaf fejn jinsab. Izid li qalilhom ukoll li huma ma' kellhomx x'jaqsmu u ma' ridux jigu nvoluti.

Jiddikjara li x'hin raw hekk hu u missieru marru gabu *drill* u biddlu s-serratura.

Jghid li kif fethu l-garaxx sabu li l-maggoranza tal-kontenut kien imbarazz ghar-rimi. Jispjega li sabu diversi *shampoos* mibdija, *pallets* tal-

[29] Affidavit a fol 110 sa 112.

injam imkissrin, laned taz-zebgha whud skaduti, boroz taz-zibel, xkejjer tas-siment, caccis ta' bieb mitluq fl-art, oggetti ta' igjene personali, kaxxi vojta bil-gablo fihom, flixken tax-xorb miftuha ecc. Jghid li minn dawn l-oggetti ma' kien hemm xejn tajjeb u rmew kollox.

Izid li sabu wkoll xi oggetti li kien ghadhom tajbin. Jispjega li dawn huma dawk l-oggetti li gew elenkati fil-lista prodotta fil-Qorti minn missieru. Jghid li dawn l-oggetti ma' rmewhomx.

Jghid li fil-garaxx ma' kienx hemm indikazzjoni li xi oggetti setghu kienu ta' terzi u mhux ta' Jarratt. Izid li Jarratt qatt ma' kien qallu li huwa kien qed jahzen xi oggetti ghal-terzi.

Jiddikjara li xi xhur wara dan ircevew ittra minghand Andrew Clark, l-attur. Jghid li hawn insinwa li hu kellu xi oggetti fil-garaxx taghhom li kien halla ma' Jarratt. Jghid li huma baqghu skantati b'dan u ma' kienux jafu lill minn ser jaqbdu jemmnu apparti li qatt qabel ma' kienu semghu bi Clark. Jghid li huma dejjem irrispondew kull kommunikazzjoni mibghuta minn Clark.

Izid li huma qatt ma' oggezzjonaw li Clark jiehu dak li hu tieghu u li ghadu fil-pussess taghhom. Izid li dawk l-oggetti elenkati fil-lista prodotta fil-Qorti minn missieru jistghu jingabru minn Clark.

Jghid li huma riedu biss serhan tal-mohh minghand Jarratt li dawn l-oggetti jistghu jirrilaxxawhom lill Clark. Izid li ma' riedux jirrilaxxawhom lill Clark imbaghad jigi haddiehor jirreklamhom.

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

B'dan l-Avviz l-attur talab ir-ritorn ta' diversi oggetti mobbli, proprjeta' tieghu, li thallew f'garaxx tal-konvenuti li jinsab fi Triq it-8 ta' Dicembru, ir-Rabat, Ghawdex, li jghid li gew mizapproprjati mill-istess konvenuti.

In succinct, il-konvenuti eccepew li huma ma' wettqu ebda mizapproprjazzjoni u li, filwaqt li m'ghandhom ebda oggezzjoni li l-attur jigbor kwalunkwe' oggetti li jirnexxielu jipprova li huma tieghu u li ghadhom fil-pussess taghhom, huma kienu krew il-garaxx in kwistjoni lill certu Matthew Jarratt u ghalhekk, kwalunkwe' dritt jew responsabbilita' taghhom jissussistu biss fil-konfront tal-istess Matthew Jarratt.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Mill-assjem tal-provi jirrizulta car u manifestament li:

i. il-garaxx in kwistjoni huwa tal-konvenuti;
ii. il-konvenut John Vella krieh lill certu Matthew Jarratt b'kuntratt ta' lokazzjoni tas-16 ta' April, 2018 ghal sentejn li bdew jiddekorru mill-11 ta' April, 2018;[30]

iii. f'Marzu, 2019 l-attur ha' xi oggetti mobbli appartenenti lilu fil-garaxx tal-konvenuti kif mikri lill Matthew Jarratt;[31]

iv. l-oggetti ta' l-attur ittiehdu f'dan il-garaxx stante li Matthew Jarratt kien gie ngaggjat mill-istess attur sabiex jaghmel xi xoghol edilizju fi proprjeta' tieghu fil-Qala, Ghawdex; [32]

v. f'Awwissu, 2019 Matthew Jarratt telaq minn Malta minghajr ma' nforma lill hadd, inkluz lill-attur u lill bintu stess, Jessica Rose Jarratt;[33]

vi. wara li Matthew Jarratt telaq minn Malta, sehhet kommunikazzjoni bejn l-attur u bint Matthew Jarrett, Jessica Rose Jarratt, fejn dawn

[30] Kuntratt ta' lokazzjoni a fol 113 *et* seq. Minkejja li fil-kuntratt it-triq fejn jinsba il-garaxx hija mnizzla bhala Triq Anton Tabone, id-deskrizjzoni tal-binja fejn jinsab, kif ukoll it-tetsimonjanza ta' xi xhiedu li ngibu jixhdu quddiem il-Qorti, jidnikaw li dan huwa l-istess garaxx, bid-distnzjoni fl-isem tat-trqi, li ma' gietx indirizzata, hiaj jew kagun ta' bdil fl-isme tat-triq jew tal-possibilta' li l-binaj hiaj kantuniera u titfacca fuq zewg toroq.
[31] Ref. [i] xhieda ta' Andras Arato li ghen sabiex ingarru tali oggetti, u; [i] xhieda tal-attur stess.
[32] Ref. xhieda tal-attur stess.
[33] Ref. [i] xhieda ta' Jessica Rose Jarratt; [ii] xhieda tal-attur, u' [iii] xhieda ta' iben il-kovennuti, Reuebn Vella, li ghalkemm ma' jaghtix data specifika jghid li huwa gie nfurmat li Matthe Jarratt kien telaq minn Grace Cauchi, persuna li tghix f'appartaemnt li jigi fuq il-garaxx in mertu u anke magenb dak li fih kien jghix Matthe Jarratt, u dan ftit shur wara li Jarrat u missieru kienu ffirmaw il-kuntratt ta' lokazzjoni – kuntratt li kien iffirmat f'April, 2018.

ftehmu sabiex Jessica Rose Jarratt u s-sieheb taghha Ben Jones jaccedu fil-garaxx in mertu, jigbru hwejjeg l-attur, u jehduhomlu f'dar li ghandu l-Qala;[34]

vii. it-tehied tal-oggetti appartenenti lill-attur mill-garaxx in mertu ma' sehhx u dan wassal sabiex gew intavolati mandat ta' deskrizzjoni kif ukoll il-kawza odjerna.

Il-kwistjonijiet principali huma x'gara sabiex wassal ghan-nuqqas ta' tehid tal-oggetti li l-attur jirreklama bhala tieghu u x'sar mill-istess.

L-attur u x-xhud Jessica Rose Jarratt jghidu li meta Jessica Rose Jarratt u s-sieheb taghha Ben Jones marru sabiex jaccedu fil-garaxx in mertu u jigbru l-oggetti tal-attur – u hawn dawn iz-zewg xhieda t-tnejn jghidu li dan sehh fit-13 ta' Settembru – sabu li s-serratura tal-bieb ghall-istess kienet inbidlet.

Il-konvenuti jishqu li huma wkoll sabu s-serratura mibdula meta marru jaccedu fil-garaxx l-ghada li saru jafu li Matthew Jarratt ma' kienx ghadu Malta. B'dan li jzidu jghidu li wara li tkellmu mas-sieheb ta' Jessica Rose Jarratt u dan qalilhom li huma ma' kellhomx x'jaqsmu u ma' kellhomx jigu mitkellma dwar dan, qalghu s-serratura li kien hemm u bidluha ghall-ohra gdida.

Hawnhekk, il-Qorti tosserva li tenut tal-verzjonijiet moghtija mix-xhieda varji, jirrizulta li jista jaghti l-kaz li Matthew Jarret kien biddel is-serratura tal-bieb tal-garaxx qabel telaq minn Malta b'dan li kemm ic-cavetta li kien ghadha mizmuma mis-sidien kif ukoll dik li kellha bintu t-tnejn ma' qablux.

Li huwa car izda hu li x-xhieda moghtija minn Jessica Rose Jarrett tikkontjeni kontradizzjonijiet importanti.

Din l-istess xhud fil-fatt, fl-ewwel testimonjanza taghha moghtija b'affidavit[35] tghid li hija kienet accediet fil-garaxx in mertu bejn is-7 u t-8 ta' Settembru u rat li kollox kien ghadu hemm. Tghid ukoll li kemm hi

[34] Ref. [i] xhieda ta' Jessica Rose Jarratt, u; [ii] xhieda tal-attur stess.
[35] A fol 17.

kif ukoll is-sieheb taghha wkoll kellhom xi oggetti taghhom f'dan il-garaxx. Tkompli mbaghad sabiex tghid li sakemm gew sabiex jigbru l-oggetti tal-attur, u dan fit-13 ta' Settembru, sabu li s-serratura kienet inbidlet.

B'dan izda li fix-xhieda in kontro-ezami taghha[36] tghid mod iehor. Hawnhekk tghid fil-fatt ghalkemm hija kellha cavetta tal-garaxx in mertu, hija u s-sieheb taghha qatt m'ghamlu uzu mill-istess tant li anqas biss kienu jafu li dan kien mizmum minn missierha qabel missierha telaq minn Ghawdex. Izzid tghid ukoll li hija qatt ma' kienet dahlet fil-garaxx u ma' kienitx taf x'kien mizmum fih.

B'rizultat ta' dawn id-diskrepanzi mportanti, l-ahjar provi li din il-Qorti ghandha a dispozizzjoni taghha sabiex tasal ghal konkluzjoni dwar jekk tassew kienx hemm xi oggetti tal-attur mizmuma fil-garaxx in mertu u jekk iva, dawn liema kienu, huma:

i. il-konsistenza tax-xhieda dwar x'suppost kienu dawn l-oggetti;
ii. dak li nstab mill-ufficjal tal-Qorti li ezegwixxa l-mandat ta' deskrizzjoni;
iii. ir-ritratti mehudha mil-gara tal-garaxx, Grace Cauchi, li jidhru li ttiehdu ftit wara li Matthew Jarratt telaq minn Ghawdex;
iv. il-lista ta' oggetti mhejjija mill-konvenuti fejn jghidu x'warrbu minn dak li sabu fil-garaxx wara li accedew huma, u;
v. biss sabiex tiddistingwi mill-assjem tal-oggetti li jirrizultaw minn dawn il-provi dawk li huma tassew tal-attur: id-dokumenti, inkluz ircevuti ta' xiri u ta' importazzjoni, li pprezenta l-attur.

Ix-xhieda li jaqblu dwar x'kienu l-oggetti tal-attur mahzuna fil-garaxx tal-konvenuti li kien mikri lill Matthew Jarratt huma Andras Arato[37] u Jessica Rose Jarratt[38] li t-tnejn jghidu li bhala oggetti kien hemm tlett kaxxi kbar tal-kartun, varji kaxxi tal-plastik, u mejda b'erba' siggijiet.

[36] A fol 143 *et seq*.
[37] A fol 12.
[38] Ix-xhieda taghha m'hijiex ser tigi kkunsidrata f'dan is-sens minhabba id-diskrepazni fiha dig enuncjati.

L-attur inniffsu jelabora ferm aktar f'dan is-sens fejn b'lista konsiderevoli jelenka diversi oggetti li jghid li huma tieghu u li kienu mahzuna fil-garaxx in mertu.[39]

Bi prova li tali oggetti kien tassew tieghu jikludi wkoll dokumenti relatati max-xiri jew l-importazzjoni tal-istess.

L-attur jaqbel izda li l-maggoranza tal-oggetti elenkati minnu kienu mizmuma fi tlett kaxxi kbar tal-kartun u ghaxar kaxxi tal-plastik issigillati bil-*clingfilm*.

Izid imbaghad jghid li oggetti ohra kienu maghluqha fil-kaxxi proprja taghhom u hawn isemmi *printer* tad-ditta *Hewlett Packard, vacuum cleaner* tad-ditta *dirt devil* mixtrija minghand il-*Lidl*, u xi oggetti mixtrija minghand *Ikea*.

Jghid mbaghad li kellu wkoll mejda tal-ikel tal-injam b'erba' siggijiet, zewg *cupboards* tal-kmamar tal-banju u numru ta' basktijiet b'oggetti tal-ikel.

Iben il-konvenuti Reuben Vella jaqbel li meta huwa dahal l-ewwel darba fil-garaxx dan sabu kif jidher fir-ritratti mehudha mix-xhud Grace Cauchi.[40]

F'dawn ir-ritratti jidhru fil-fatt l-oggetti kollha li dan l-istess xhud jammetti li sab fil-garaxx, inkluz varji kaxxi tal-kartun kbar u kaxxi tal-plastik issigillati bil-*clingfilm* li jsemmi wkoll ix-xhud Andras Arato u anke l-attur.

Ix-xhud Reuben Vella jkompli izda jghid li huwa rema' diversi mill-oggetti li sab fil-garaxx u li qies bhala bla valur jew addirittura bhala skart. Hawnhekk isemmi l-varji prodotti ta' igjene personali, laned taz-zebgha u oggetti ohrajn.

L-istess xhud Reuben Vella jghid mbaghad li dak li qiesu bhala li kienu ghadu tajjab u li allura warrbu huma l-oggetti li jirrizultaw f'nota

[39] Lista a fol 22 s a32.
[40] Ritratti a fol 46 u 47.

ntavolata fl-atti ta' dawn il-proceduri minn missieru nhar it-2 ta' Settembru, 2020.[41]

Din in-nota telenka xi ilbies tal-apnea, zewg friskaturi, zewg lampi, numru ta' kaxxi, zewg *vacuum cleaners*, xi *cupboards* bojod, *printer* tad-ditta *Hewlett Packard* u inka tal-istess, zewg xkafef taz-zraben, u zewg siggijiet. Ilkoll oggetti li jinsabu nkluzi fil-lista estensiva maghmulha mill-attur dwar dawk li skontu kienu l-oggetti li kellu fil-garaxx.

L-attur, wara li qies din in-nota bl-elenku maghmulha mill-konvenuti, ipprezenta affidavit ulterjuri fejn qal x'sab minn dak li elenkaw il-konvenuti f'din in-nota taghhom wara li acceda fil-garaxx bil-permess tal-Qorti.

Mil-lista maghmulha mill-ufficjal tal-Qorti li ezegwixxa il-mandat ta' deskrizzjoni, ma' jirrizultawx hafna mill-oggetti reklamati mill-attur bhala tieghu. Infatti, mill-istess lista din il-Qorti tista testrapola biss xi *cupboards* bhala proprjeta' mobbli possibilment tal-attur tenut kont tal-proprjeta' minnu elenkata fil-lista estensiva bhala dik li skontu thalliet fil-garaxx tal-konvenuti.

Ikkunsidrat li fin-nota bl-elenku ta' oggetti maghmulha mill-konvenuti fit-2 ta' Settembru, 2020 jirrizultaw ukoll xi *cupboards*, din il-Qorti sejra tqies allura li mill-oggetti misjubu mill-ufficjal taghha meta gie ezegwit il-mandat ta' deskrizzjoni numru 133/2019 PC, dawk li jistghu possibilment jappartjenu lill-attur huma koperti f'dak elenkat fin-nota tal-konvenuti tat-2 ta' Settembru, 2020.

Mill-assjem ta' dan kollu, din il-Qorti tosserva u tikkunsidra li l-ahjar prova li ghandha tal-kontenut tal-garaxx kif instab ftit wara li sparixxa Matthew Jarratt huma r-ritratti mehuda minn Grace Cauchi li jinsabu a fol 46 u 47 tal-process.

Ikkunsidrati dawn ir-ritratti flimkien max-xhieda migbura, jirrizulta li l-prodotti tal-igjene personali li jidhru fl-istess f'kaxxa tal-plastik issigillata bil-*clingfilm* intremew mill-konvenuti jew bihnom Reuben Vella.

[41] Nota ta-2 ta' Settembru, 2020 a fol 37.

M'hemmx qbiel bejn il-partijiet dwar jekk il-kaxxi tal-kartun li wkoll jidhru f'dawn ir-ritratti kienux fil-fatt vojta, b'kartun iehor u gablo fihom, kif jixhed Reuben Vella, jew kienux mimlija oggetti kif jixhed l-attur.

Maghdud dan, li huwa mbaghad car min-nota tal-konvenuti tat-2 ta' Settembru, 2020, fejn elenkaw dak li huma qiesu bhala li ghadu tajjeb u li warrbu, huwa li oggetti reklamati mill-attur bhala tieghu kien baqa' ftit fil-pussess taghhom, il-konvenuti.

Din il-Qorti tikkunsidra li kien dover u responsabbilita' ta' l-attur li jgieghel lill Matthew Jarratt jirrilaxxa inventorju tal-oggetti li gew f'dati f'idejh. Kellu anke jigi minn Matthew Jarratt li qabel telaq minn Ghawdex jara li jekk kellu oggetti ta' terzi fil-pussess u depositati mieghu jobdi l-obbligi tieghu bhala depozitarju ai termini tal-Artikoli 1899 sa 1917 tal-Kodici Civili, Kap. 16, Ligijiet ta' Malta.

Tikkunsidra wkoll li kif xehed l-attur stess li huwa dahal fil-garaxx tul il-perijodu bejn Marzu 2019, meta halla l-oggetti fih taht ir-responsabbilita' ta' Matthew Jarratt, u Awwissu 2019 meta sar jaf li Matthew Jarratt telaq minn Ghawdex, setgha wkoll dahal haddiehor.

F'dan id-dawl, din il-Qorti ma' tistax tqies bhala mhux idonja l-pozizzjoni mehudha minn Vella bhala li huma, dment li saru jafu li Matthew Jarratt ma' kienx ghadu prezenti fuq il-gzira, kienu mhassba dwar x'jirrilaxxaw mill-oggetti tenut kont tal-fatt li fl-estent ta' dak li kienu jafu huma, dawn kienu oggetti ta' Jarratt u hadd aktar.

Maghdud dan, il-Qorti ma' tistax taqbel ma Vella meta arbitrarjament ddecidew huma x'jarmu u ma' jarmux minn gewwa l-istess garaxx.

Izda l-fatt li tali decizjoni arbitrarja ta' Vella ttiehdet qabel gew ikkonfermati xi oggetti bhala tal-attur meta l-konvenuti kienu korretti jassumu li l-istess kienu lkoll ta' Matthew Jarrett, iwassal semmai ghal-ksur ta' obbligi u responsabbilitajiet li l-konvenuti setgha kellhom lejn Matthew Jarratt ma' minn huma kellhom x'jaqsmu legalment, u hadd aktar.

F'din s-sitwazzjoni, l-attur, semmai, ghandu jfittex rimedju kontra l-istess Matthew Jarratt fil-vesti tieghu ta' depozitarju tal-oggetti tal-attur.

Dan huwa ukoll in linja mal-hsieb tal-Artikolu 1891 tal-Kodici Civili li jiddisponi:

> **1891.** *Id-depożitu, in ġenerali, huwa kuntratt li bih wieħed jirċievi l-ħaġa ta' ħaddieħor, bl-obbligu li jikkustodiha u li jroddha in natura.*

Obbligu li f'dan is-sens, versu l-attur, gie assunt biss minn Matthew Jarratt u mhux minn jew ukoll mill-konvenuti.

B'dan ghalhekk li din il-Qorti tqies li hija tista tirrilaxxa biss favur l-attur dawk l-oggetti li ghadhom sa issa fil-pussess tal-konvenuti u li huwa rnexxilu jipprova bhala appartenenti lilu. Minghajr pregudizzju ghal ebda rimedju ulterjuri li l-istess attur jista jkollu kontra Matthew Jarratt.

Dawn l-oggetti huma dawk elenkati fin-nota tal-konvenuti tat-2 ta' Settembru, 2020[42] u li huma kkonfermati bhala tal-attur skond id-dokumenti ezebiti minnu a fol 22 sa 32 tal-process.

Tenut kont li ghalkemm fin-nota tal-konvenuti tat-2 ta' Settembru, 2020 jissemmew zewg *vacuum cleaners*, u fir-rigward u b'referenza biss ghall-istess oggett; l-attur konsistentement irreklmama biss *vacuum cleaner* wahda bhala tieghu, b'dan li identifika l-istess bid-ditta – *dirt devil* – u b'ircevuta mahruhga mil-*Lidl* u ezebita a fol 32. F'dan id-dawl, hija biss din il-*vacuum cleaner* wahda, kif identifikata, li ghandha tigi ritornata lill-attur, apparti l-oggetti l-ohra inkluzi fin-nota tal-konvenuti.

Kwalunkwe' mill-oggetti elenkati fin-nota tal-konvenuti li jinsabu neqsin skond l-affidavit tal-attur a fol 58 tal-process ghandhom jigu rimpjazzati mill-konvenuti. Dan stante li l-oggetti elenkati fin-nota tal-konvenuti tat-2 ta' Settembru, 2020[43] gew ikkonfermati mill-konvenuti stess bhala mhux taghhom u li ghadhom fil-pussess taghhom mentri gew ippruvati mill-attur bhala tieghu u allura; nuqqas fihom li sehh wara l-intavolar tan-nota tal-konvenuti huwa a responsabbilita' tal-istess konvenuti.

---

[42] A fol 37.
[43] A fol 37.

In kunsiderazzjoni ta' tali nuqqas attribwibbli biss lill-konvenuti din il-Qorti sejra taghti wkoll rimedju fil-kap tal-ispejjez.

**Decide:**

Ghaldaqstant, in vista tal-premess u ghar-ragunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenuti konformement ma' dak hawn deciz, tilqa' it-talba attrici limitatament ghar-rigward tal-oggetti elenkati fin-nota tal-konvenuti tat-2 ta' Settembru, 2020 kif tinsab a fol 37 tal-process, ghajr ghal *vacuum cleaner* wahda minn tnejn.

Kwalunkwe' minn dawn l-oggetti li jinsabu neqsin skond l-affidavit tal-attur a fol 58 tal-process ghandhom jigu rimpjazzati mill-konvenuti b'oggett tal-istess kwalita'.

Bl-ispejjez ta din il-kawza u tal-mandat ta' deskrizzjoni numru 133/2019 PC jinqasmu in kwantu ghal zewg terzi ghall-attur u terz ghal-konvenuti stante dak hawn fuq osservat.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur